# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **1 TA' APRIL 2018**

**Sibt il-Għid**

Ilejla bejn is-7:00pm u s-7:30pm ikun hawn il-qrar fil-Knisja Parrokkjali.
Fit-8:00pm tibda l-Quddiesa tal-Vġili tal-Għid il-Kbir li fiha jsir it-tberik tal-Blandun, Qari mill-Iskrittura u Magħmudija ta' trabi.

**Ħadd il-Għid**

Għada l-Ħadd fil-quddiesa tad-9:15am isir it-tberik tal-figolli.

**Tberik tal-Familji**

It-Tnejn 2 ta' April 2018 inkomplu t-tberik tal-familji. Hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 2 ta' April 2018**

Triq iċ-Ċervjola u Triq il-Baħrija

**It-Tlieta 3 ta' April 2018**

Triq La Sengle, Triq il-Bużbież u Triq Frans Grech

**L-Erbgħa 4 ta' April 2018**

Pjazza Dun Tarċis, Sqaq Sant'Anna, Sqaq San Ġwakkin, Triq ix-Xatt u Triq Sant'Anna

**Il-Ħamis 5 ta' April 2018**

Triq il-Magħluq, Triq Apap Bologna u Triq iċ-Ċrieki

**Il-Ġimgħa 6 ta' April 2018**

Triq Santa Tereża, Triq San Ġwakkin u Triq il-Knisja

**Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm**

Il-Ġimgħa 6 ta' April 2018 bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm mill-Parroċċa tagħna u tmien żgħażagħ oħra, wara l-quddiesa tas-6:30pm ser ikollna siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Is-Sibt 7 ta' April 2018 – Jum l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm u sħabu**

Fid-9:15am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu mad-disa' żgħażagħ li ser jiġu ordnati saċerdoti fil-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fil-7:45am. Jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija.

**Grupp Armar tal-Parroċċa**

Il-Ġimgħa 6 ta’ April 2018 il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa ser jorganizza ikla.

**Festa tal-Ħniena Divina**

Il-Ħadd 8 ta’ April 2018 niċċelebraw il-Festa tal-Ħniena Divina. Fil-Knisja ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u l-quddiesa fis-6:00pm.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

L-Erbgħa 11 ta’ April 2018 ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

**Laqgħa ta’ tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**

Il-Ġimgħa 13 ta’ April 2018 fis-7:00pm fis-Sala Sant’Anna ser issir laqgħa ta’ tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiċċelebraw is-Sagrament taż-Żwieġ fix-xhur li ġejjin.

**Fuljett ‘Flimkien’**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta’ April 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.

**Aħna s-saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastorali nawgurawlkom l-Għid it-Tajjeb.**
**Waslu l-ferħ ta’ Kristu Rxoxt ukoll lil ħutna l-morda fid-djar tagħhom.**
**Awguri u l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.**